MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Numru 520/2004

**Victor (ID 26364M), Mario (ID 393467M), Norbert (ID 41562M) u Joe (406172M) ahwa Ellul u Joseph Baldacchino (ID 646128M)**
***Vs***

**A.J. & F Attard Limited (C6449) (16 Victory Street, Hamrun) kif ukoll Angelo (I.D. 1008145), (St Gaetan, Triq l-Ahwa Zammit, Qormi) Francis (I.D. 935448) (56, Abela Street, Hamrun) u John (I.D. 317944) (7, Johemm, Triq il-Parrocca, Sta Vennera) ahwa Attard**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-atturi huma ko-proprjetarji ta’ porzjoni art li tinsab il-Marsa, f’Azzopardi Street formanti parti mill-artijiet ta’ Lombardi ta’ kejl superficjali ta’ 278.8 qasab kwadri.

Peress illi s-socjeta’ konventua qieghda tirritjeni li hija proprjetarja ta’ sehem ta’ 1/7 parti indiviza tal-imsemmija proprjeta’ liema sehem ipprovenja lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-14 ta’ Frar 2003.

Peress illi sabiex wiehed jaccedi ghal-imsemmija raba, trid tidhol mill-bieb numru 69, Azzopardi Street Marza u meta l-atturi talbu cavetta ta’ dan il-bieb gew informati li din tinsab ghand s-socjeta’ konvenuta. Illi huma talbu kopja tac-cavetta minghand l-istess socjeta’ izda din rrifjutat u ghalhekk giet intavolata kawza fl-ismijiet “Joseph Baldacchino et vs A.J & F Attard Ltd” quddiem l-Qorti tal-Magistrati (Avviz Numru 1115 / 2004 ).

Peress illi fil-kors ta’ l-imsemmija proceduri l-atturi gew infurmati illi bi skrittura li apparentement saret fl-14 ta’ April 2003 is-socjeta’ konvenuta koncediet l-imsemmija propjeta’ fl-intier taghha b’titolu ta’ lokazzjoni b’effett mill-istess gurnata a’ favur tat-tlett konvenuti l-ohra ghall-perjodu ta’ ghaxar snin.

Peress illi l-imsemmija skrittura hija falza, nulla bla effett billi l-azzjonisti u diretturi tal-kumpanija u l-allegati inkwilini huma l-istess tlett persuni u jekk verament l-imsemmija skrittura saret kif qed jigi allegat li saret, din hija falza u saret b’ qerq u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi inoltre l-atturi bhala ko-proprjetarji tal-imsemmija proprjeta’ qatt ma taw il-kunsens taghhom ghal tali lokazzjoni. Huma saru jafu bl-allegat lokazzjoni meta l-iskrittura in kwistjoni giet ezebita kif fuq imsemmi.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti, prevja okkorrendo illi l-imsemmija skrittura hija falza, hija karpita bil-frodi u li saret minghajr l-kunsens jew approvazzjoni tal-atturi qua ko-propjetarji, m'ghandiex:

1. tiddikjara li l-iskrittura ta' lokazzjoni tal-14 ta' April 2003 bejn il-konvenuti hija nulla u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha fil-ligi

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b' riserva ghal kwalsijasi azzjoni ulterjuri lilhom spettanti skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta A.J. & F Attard Limited et** a fol. 29 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi c-citazzjoni attrici saret "fuori termine" u ghalhekk nulla skond id-dispost tal-artikolu 1527 tal-Kap 16 - [Cachia vs Saliba et dec. 22 Marzu 1995 CA; Sant Cassia et Bonnici Ghaxaq et dec. 11 Dicembru 1998 FGC; Vol. 37 p.312; Vol. 39 p.67; Vol. 42 p.333] . Jidher bl-aktar mod car li l-atturi ma hadux passi biex jimpunjaw dina l-kirja fi zmien stipulat mill-ligi u baqghu inadempjenti;

2. Illi l-atturi m'humiex kom-pussessuri; It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-konvenuti Angelo, Francis u John ahwa Attard krew il-fond in kwistjoni validament minghand **l-uniku** pussessur tal-fond u cioe A.J. & F. Attard Limited li qua uniku possessur kien qed jezercita dritt pertinenti lilu meta ghamel il-lokazzjoni msemmija fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi. Dan minhabba li A.J. & F. Attard Limited xtraw wiehed minn sebgha (1/7) parti indiviz ta' art li tinsab f'Marsa Azzopardi Street, b' entratura minn bieb numru 69 minghand Carmela Attard permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Joseph Tabone fl-14 ta' Frar, 2003 hawn anness u mmarkat Dok A, u l-istess Carmela Attard kienet ilha fil-pussess u uzu eskluziv ta' l-istess fond ghall-cirka hamsin sena kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza. Fl-14

ta’ April 2003 il-kumpanija konvenuta koncediet, kif kellha kull dritt legali skond il-ligi li tirregola l-kumpanija f’ Malta ossia Kap. 386, lil Angelo, John u Francis ahwa Attard il-lokazzjoni ta’ l-imsemmija art ghall-perijodu ta’ ghaxar snin;

3. Illi l-atturi jridu jippruvaw li huma kom-propjetarji;

4. Illi huwa principju ferm stabilit li kumpanija ghandha personalita’ guridika separata u distinta minn nies li jahdmu jew imexxu jew ghandhom ishma fl-istess kumpanija, kif sejjer jigi ppruvat bl-aktar mod car waqt il-kawza b’ referenza ghal diversi sentenzi li jisalvagwardjaw dan il-kuncett ‘sacro-sant’. Il-konvenut sejjer jipprova li ghandu d-dokumetazzjoni kollha li turi li qatt ma sar xejn ‘falz’ jew b’ qerq u li kellu kull dritt li jaghti lokazzjoni ta’ l-imsemmija art fl-14 ta’ April 2003.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza preliminari tat-30 ta’Mejju 2005;

Rat il-verbal tal 24 ta’ Gunju 2005;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b’sentenza preliminari tat-30 ta’ Mejju 2005 dina l-Qorti kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Fl-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-atturi m’humiex kompussessuri u li l-konvenuti Angelo, Francis u John ahwa Attard krew il-fond in kwistjoni validament minghand l-uniku pussessur tal-fond cjoe A.J. & F.Attard Ltd li qua unika pussessur kienet qed tezercita

dritt pertinenti lilha meta ghamlet il-lokazzjoni imsemmija fic-citazzjoni. Is-socjeta konvenuta A.J. & F. Attard Ltd kienet xtrat 1/7 parti indiviz ta' art minghand Carmela Attard u li dina l-istess Carmela Attard kienet ilha fil-pussess u uzu esklussiv ta' l-istess fond ghal cirka hamsin sena. Imbaghad il-kumpanija konvenuta kkoncediet lill konvenuti Angelo, John u Francis Attard il-lokazzjoni ta' l-imsemmija art ghal perjodu ta' ghaxar snin.

Illi l-atturi qed jattakkaw dina l-lokazzjoni billi qed isostnu li huma bhala ko-propretarji ta' l-imsemmija proprjeta' qatt ma taw il-kunsens taghhom ghal tali lokazzjoni. Inoltre dina l-lokazzjoni hija falza u saret b'qerq billi l-azzjonisti u diretturi tal-kumpanija u l-allegati inkwilini huma l-istess tlett persuni.

**Tikkunsidra**

L-artikolu 1527 tal-Kap 16 jipprovvdi li *l-kiri li jsir minn wiehed mill-kom-pussessuri tal-haga, minghajr awtorizzazzjoni b'sentenza tal-qorti kompetenti jew minghajr il-kunsens ta' xi wiehed mill-kom-pussessuri l-ohra, jista' fuq talba ta' dan il-kom-pussessur l-iehor, jigi annullat, kemm-il-darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dak in-nhar li dan il-kompussessur l-iehor ikun sar jaf b'dak il-kiri.*

Dwar it-terminu li fih dina l-azzjoni kellha tigi ezercitata, dina l-Qorti diga ddeciediet li dina saret fit-terminu, u ghalhekk kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens li l-atturi m'humiex kompussessuri, jirrizulta li l-atturi huma ko-propretarji mal-konvenuti ta' l-art imsemmija u dana huwa rikonoxxut mill-konvenuti stess. Fix-xhieda tieghu Angelo Attard ighid li "Ahna konna nafu li (l-atturi) ghandhom dritt" (ara fol 61); u "Jghid il-Qorti fejn hu taghhom u ntuwiehlhom cavetta" (ara fol 64).

L-uzu tal-terminu kum-pussessur fl-artikolu 1527 sar billi kirja tista ssir mhux biss mis-sid izda ukoll minn pussessur

bhal ma hu enfitweta. Il-ligi f'dan l-artikolu ma tillimitax ruhha ghall minn ghandu l-pussess fattwali. Dan il-pussess fattwali ma jeskludiex il-pussess legali. Ma jeskludiex il-pussess li ghandu sid tal-post. Mhux kull pussessur huwa sid, imma kull sid hu legalment pussessur.

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna fil-maggjor parti tinterpreta dan l-artikolu fis-sens li t-titolu ta' kum-pussessur bhala ekwivalenti ghal kum-propretarju u li l-azzjoni ghall-annullabilita' tal-lokazzjoni tirnexxi anke jekk proposta minn kompropertarju wiehed basta li l-kirja tkun saret minghajr il-kunsens tieghu jew minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Ara f'dan is-sens dawn is-sentenzi:

| | |
|---|---|
| Scicluna vs Micallef | 27.10.1899 |
| Testaferrata Viani vs Frendo Azzopardi | 11.12.1905 |
| Stagno vs Sarsero | 05.03.1913 |
| Dr. Borg Olivier vs G. Bonello | 18.02.1926 |
| Agius vs Farrugia | 26.05.1958 |
| Zammit vs Theuma Casteletti | 29.12.1972 |
| Busutill vs Busutill | 28.05.1980 |

Raguni ohra hija li:

"Il concetto della comunione dei beni e' che la proprieta' della stessa cosa o uno stesso diritto compete indivisamente a piu persone, di modo che finche' dura l'indivisione ciascuno dei comunisti ha un diritto indiviso su ciascuna delle parti della cosa e ciascun consorte puo servirsi delle cose comuni, purche' le impieghi secondo la loro destinazione fissata dall'uso e non se ne serva contro l'interesse della comunione o in modo che impedisca agli altri consorti di servirne secondo il-loro diritto." (Ara sentenza Borg Olivier vs Bonello et Vol 26 p 2 p 251).

Inoltre hemm ir-raguni li jekk kompropretarju jista' jikri l-haga minghajr il-kunsens tal-kompropretarji l-ohra, l-istitut tal-licitazzjoni jigi fix-xejn ghax kompropretarju wiehed

ikun jista jiddispondi minn haga li ma tkun tieghu u b'hekk jevadi d-drittijiet ta' l-ohrajn. Hekk kien ghallem Trolong fil-ktieb tieghu Du Louage des choses - artikolu 1715 - fol 115 para 100.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li meta l-ligi fl-artikolu 1527 titkellem dwar kum-pussessur, hi mhiex qed teskludi azzjoni minn komporpretarju biex jannulla kirja maghmula mill kum-pussessur. Il-Qorti tirrileva li kirja prevvista mill-artikolu fuq imsemmi tista' tigi annullata appuntu ghax tkun saret minghajr il-kunsens ta' **xi** wiehed mill-kum-pussessuri l-ohra u l-ligi taghtih azzjoni biex jannulla l-kirja propju ghax saret minghajr il-kunsens tieghu.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, izda qed tirrileva wkoll dwar r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti li l-kumpanija konvenuta kellha kull dritt skond il-ligi li tirregola l-kumpaniji li tikri l-fond lill ahwa Attard, li "fejn jirrizulta li jkun hemm agir skorrett li juri mala fede, m'ghandux japplika l-principju tas- "separate juridical personality". (Ara sentenza App Dr. J. Herrera noe et vs T. Tabone et noe 15.3. 1996 u App Imhallef Dr.A.Magri et vs Aeroflot Russian Int. Airlines 1/7/2005). Dwar dina l-eccezzjoni jirrizulta pruvat li l-konvenuti mxew skorrettement ghax krew minghajr il-kunsens tal-ko-propretarji l-ohra. Inoltre jirrizulta li f'dina allegata lokazzjoni l-azzjonisti u diretturi tal-kumpanija u l-allegati inkwilini huma l-istess tlett persuni u l-lokazzjoni saret biex jigu defraudati d-drittijiet tal-kopropretarji l-ohra. Jekk verament kien hemm dina l-lokazzjoni, l-atturi qatt ma gew infurmati biha hlief meta saritilhom il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u huma qatt ma offrew lill atturi sehemhom mill-kera .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Previja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tilqa' t-talba ta' l-atturi

U tiddikjara li l-iskrittura ta’ lokazzjoni tal-14 ta’ April 2003 bejn il-konvenuti hija nulla u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha fil-ligi.

Spejjez ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------